**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 251/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

Illum, 28 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Joseph Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 176463M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-17 t' Awwissu 2019, ġewwa San Pawl il-Baħar, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel il-ħsara kontra l-liġi biss biex jezerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Patrick Spiteri u lil HSBC Bank Malta plc fil-pussess ta' ħwejjġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundanatu għall-ħlas ta'

multa ta' €700. Ukoll, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' €771.18 rappreżentanti l-ispejjeż peritali nkorsi. Finalment, ordnat li kemm il-darba dawn il-proċeduri jsiru *res judicata*, għandu jiġi rritornat lill-imputat il-ktieb tal-kera eżebit minnu.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Camilleri, ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata *in toto* u tillibera lill-appellant billi ssibu mhux ħati tal-akkuża miġjuba kontrih.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iressaq diversi ilmenti diretti lejn is-sentenza appellata li magħdudin kollha flimkien jikkonċernaw fl-essenza tagħhom l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tiegħu, kien wieħed erronju u dana għaliex mill-istess provi, ma jirriżultawx l-elementi kostitwenti r-reat tar-raġġion fattasi lilu addebitat.

Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Illi jidher illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-ko-litigandi illi l-għalqa mertu ta' dawn il-proċeduri hija proprjeta' tal-parti leza Patrick Spiteri u l-bank HSBC, bl-appellant madanakollu jinsisti illi huwa għandu

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

titolu ta' qbiela fuq din ir-raba, liema pussess u tgawdija ilhom jiġu eżerċitati minnu u mill-*aventi causa* tiegħu għal snin twal. Jidher ukoll illi dan it-titolu madanakollu qed jiġi kontestat mill-parti offiża tant illi l-appellant jiddepożita il-qbiela permezz ta' ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti. Illi dan il-każ jidher li ra il-bidu tiegħu wara li nhar is-17 t'Awwissu tas-sena 2019, il-Pulizija Ezekuttiva rċeviet telefonata mingħand l-appellant fejn dan irrapportalhom li kienu daħlu terzi persuni fl-għalqa li huwa jgawdi u kienu qed jieħdu l-ilma mill-istess. Il-Pulizija rrikorrew fuq il-post fejn kellmu lill-appellant li saħaq li l-għalqa in kwistjoni kienet il-propjeta' ta' ċertu Patrick Spiteri u tal-Bank HSBC, pero' huwa kellu titolu ta' qbiela fuqha, liema titolu ilu jitgawda mill-familja tiegħu għal dawn l-aħħar mitt sena u li l-pussess kontinwu tagħha kien f'idejhom tul dan iż-żmien kollu. Huwa saħaq ukoll li dakinhar kienu daħlu terzi persuni fl-għalqa, mqabbdin mill-parti offiża Patrick Spiteri, liema għalqa suppost kienet magħluqa b'xatba u ħadulu l-ilma kollu u kien għalhekk li għamel ir-rapport lill-Pulizija.

Illi, fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġie maħtur il-Perit Robert Musumeci nhar it-28 ta' Jannar 2020 bħala espert "*sabiex jisma' ix-xhieda, jagħmel aċċess, jiġbor il-provi u jagħmel il-kostatazzjonijiet kollha neċessarji, jirrelata dwar l-akkuzi u senjatament jekk tissussistix fil-konfront tal-imputat l-akkuza msemmija*". L-imsemmi espert ppreżenta r-rapport tiegħu nhar il-5 ta' Mejju 2021, fejn wara li sema' diversi xhieda u ħa konjizzjoni tad-dokumenti eżebiti mill-partijiet ikkonkluda:

> ***... 2. Jiġi rilevat in primis li ma nġabet ebda prova li b'xi mod turi li l-imputat Camilleri qatt kien responsabbli mit-twettieq ta' xi atti vandali li jolqtu s-sit in mertu. Madanakollu, dan li ġej, juri kif, fil-fehma umli tal-esponenti, l-imputat Camilleri wettaq atti esterni li permezz tagħhom spolja lil Spiteri minn art li, tajjeb jew ħazin, kien qed igawdi u dan kontra l-oppozzijoni espressa jew prezunta ta' l-istess Spiteri bil-kredenza (minn naħa ta' Camilleri) li l-att kien qed isir fl-ezerċizzju ta' dritt benche kien jispetta lill-istess Camilleri jwettaq dak l-att permezz ta' awtorita' pubblika:***
>
> ***2.1 IL-PUSSESS***
>
> ***2.1.1 Illi mix-xhieda jirrizulta li f'Awwissu 2019, Dr Spiteri kellu l-pussess materjali ta' l-art in mertu, liema pussess kien jirrisali għas-snin disgħin;***
>
> ***2.2 IN-NUQQAS TA' TGAWDIJA TA' L-OĠĠETT***

*2.2.1 Dr Spiteri jgħid li f'Awwissu 2019, l-imputat Joseph Camilleri kien qallu li huwa (Camilleri) 'kien jista' jaħdem l-art kollha' u f'Awwissu 2019, l-imputat Joseph Camilleri kien waqqaf lil Malcolm Aquilina u Raymond Aquilina milli jkomplu jagħmlu xi xogħol li kien ordnalhom Spiteri jagħmlu fl-art in mertu. Dan l-aġir kien korroborat minn Malcolm Aquilina u Raymond Aquilina nfushom sotto ġurament. Tali aġir jista' jitqies għalhekk bħala att dirett li ostakola lill-kwerelant Spiteri, mit-tgawdija attwali tal-art in mertu;*

*2.3 L-OPPOZIZZJONI TAĊITA JEW ESPRESSA*

*2.3.1 M'huwiex ikkontestat li Dr Spiteri wera oppozizzjoni espressa għall-aġir ta' Camilleri tant li huwa ressaq kwerela immedjatament kif Camilleri oppona għax-xogħolijiet li kienu qed iwettqu Malcolm Aquilina u Raymond Aquilina;*

*2.4 IT-TWEMMIN DA PARTI TAL-AĠENT LI QED JAĠIXXI IN KONSEGWENZA TA' XI DRITT*

*2.4.1 Għalkemm Camilleri baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri, huwa dezunt li l-aġir tiegħu li jwaqqaf lil Malcolm Aquilina u Raymond Aquilina milli jkomplu jagħmlu x-xogħol li ordnalhom Spiteri kien magħmul bil-ħsieb li hu qed jezerċita dritt li jaħseb li għandu peress li huwa ppretenda li għandu titolu (qua inkwilin li kien jiddepozita ċ-ċedoli l-Qorti) fuq l-art in mertu. Jirrizulta pero' li minflok ma fittex il-Qorti biex jieħu raġun, Camilleri qabad u ħa l-liġi b'idejh.*

Illi, l-Ewwel Qorti stranament qabblet mal-konklużjoni milħuqa mill-espert u sabet ħtija fl-appellant, għalkemm l-espert ma jindikax f'hix kien jikkonsisti l-att spoljattiv, jew ahjar x'kien l-att inkriminatorju li wassal għal ħtija, iżda jikkonkludi sempliċement, wara li instemgħu diversi xhieda u ġew ippreżentati volumi ta' dokumenti illi għaliex l-appellant bil-kliem ipprova iwaqqaf lil ħaddiema inkarigati mill-parti offiża milli jkomplu bix-xogħolijiet, dan id-diskors fih innifsu jammonta għall-att materjali meħtieġ sabiex jissussisti r-reat. L-appellant, ma jaqbilx ma' din il-konkluzjoni u allura mad-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti għaliex jikkontendi li huwa qatt ma ħa l-liġi b'idejh iżda rrikorra lejn l-awtoritajiet u ċioe' għand il-pulizija sabiex jirrapporta l-indħil fl-għalqa minnu allegatament okkupata.

**Ikkunsidrat:**

Illi għad kienu d-drabi li l-ġurisprudenza għamlet esposizzjoni tal-elementi legali meħtieġa sabiex jisussisiti r-reat tal-hekk imsejjaħ "*raggion fattasi.*" Jidher minn eżami tal-atti probatorji illi l-maġġior parti tal-provi jikkonċentraw fuq il-kwistjoni jekk l-appellant għandux l-pussess, jew aħjar l-użu u t-tgawdija tar-raba mertu ta' dawn il-

proċeduri. Illi madanakollu l-ewwel u qabel kollox sabiex jissussisti r-reat imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jrid jkun hemm dak l-att spoljattiv li permezz tieghu l-awtur jfixkel jew jiddisturba l-użu, tgawdija jew pussess tal-parti leża u allura iċaqlaq l-*istatus quo* u dan billi jippretendi li għandu xi jedd skont il-liġi. Dan il-ħsieb huwa rifless b'mod car fis-sentenza ***'Il-Pulizija vs Anthony Micallef'*** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fejn inghad:

> **Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.**

Illi ġie ukoll stabbilit fil-ġurisprudenza kopjuża in materja illi:

1. r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu[2].
2. Illi, għar-rigward tal-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti anke meta l-vittma tar-reat tkun tgawdi minn sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.[3]
3. Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li

[2] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża millQorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti talappell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.
[3]Il-Pulizija vs Joseph Vassallo Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.,

għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddieħor per eżempju.

Iżda apparti dawn l-elementi determinanti għalbiex jissussisti r-reat, dak li l-ewwel irid jiġi determinat huwa l-att materjal illi permezz tiegħu l-awtur tar-reat neċessarjament irid b'att pożittiv u kontra l-liġi jiddisturba jew ifixxkel it-tgawdija tal-proprjeta' mill-vittma, tant hu hekk illi ġie ripetut kemm il-darba illi l-għan wara din id-disposizzjoni tal-liġi hija l-protezzjoni tal-*istatus quo ante* li neċessarjament ifisser illi l-att materjali jrid ikun tali li jfixkel jew ixejjen din il-posizzjoni ta' fatt u dan b'mod arbitrarju. Issa huwa ndubitat illi l-appellant hekk kif induna li kien hemm xi persuni li daħħlu fl-għalqa li huwa isostni li għandu dritt fuqha, ma kkometta ebda att spoljattiv u arbitrarju, iżda irrikorra immedjatament għand il-pulizija u dan wara li kellem lil Aquilina li rrifjutaw johorġu mill-għalqa, kif talabhom illi jagħmlu. Il-parti leża minn naha l-ohra fit-trattazzjoni orali sostniet li l-aġir lanjat jikkonsisti fi tkissir ta' xatba minn naħa tal-appellant, liema xatba kienet saret biex tingħalaq il-proprjeta, apparti li hedded il-ħaddiema li kienu fuq il-post u adirittura beda jieħu l- ilma.

Illi minnufih il-Qorti tosserva illi minn eżami tal-atti dak allegat mill-parti offiża u ċioe' li kien hemm inċident ta' ħsara volontarja, serq ta' ilma  u theddid ma tirriżultax u fi kwalunkwe każ lanqas ma hu mixli l-appellant bil-kummissjoni ta' dawn ir-reati, iktar u iktar meta d-data indikata fl-akkuża hija dik tas-17 t'Awwissu 2019 u bil-Qorti għalhekk prekluża milli tinoltra ruħha fuq xi inċident li seta' seħħ qabel jew wara din id-data. Kif lanqas allura ma jirriżulta illi fid-data indikata fl-akkuża l-appellant kisser xi xatba kif allegat. Saħansitra x-xhud Joseph Magro, li ħadem l-art in kwistjoni għal bosta snin,  xehed li wara s-sena 2010 ġieli sab ix-xatba miksura. Pero' jgħid ukoll li huwa waqaf jidħol fis-sena 2014. Għalhekk, ġaladarba l-akkuża odjerna tirrisali biss għad-data tas-17 t'Awwissu 2019, din il-Qorti tqis li tali xhieda hija rrilevanti. *In oltre*, Sebastian Spiteri ukoll xehed li fis-sena 2014, huwa kien ra ż-żewġ *gates* mkissra għall-ewwel darba, izda wara dawn kienu reġgħu ġew imkissra diversi drabi. Huwa ippreċiza li qatt ma ra lill-appellant fuq il-post. Lorna Borgia ukoll tixhed u tgħid li hija kienet tiffrekwenta l-għalqa in kwistjoni bejn is-snin 2010 u 2014 u l-katnazz ta' l-

istess kellu jinbidel 'il fuq minn għaxar darbiet. Madanakollu meta ġiet mistoqsija jekk tafx minn kisser dan il-katnazz, hija twieġeb hekk – "*Asked whether I have an idea who broke these locks, my answer is no*". Dan ifisser illi ma hemm ebda prova in atti li tindika illi fid-data tas-17 t'Awwissu 2019, l-appellant kisser ix-xatba tal-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni. Lanqas ix-xhieda Joseph Aquilina u Raymond Aquilina, li kienu fuq il-post fid-data indikata fl-akkużi odjerni, ma jsemmu dan il-fatt. Għaldaqstant, ċertament li ma ġiex ppruvat li dakinhar tas-17 t'Awwissu 2019, l-appellant kisser ix-xatba tal-għalqa in kwistjoni.

Illi l-istess jingħad għall-allegazzjoni li l-appellant ħa xi ilma mill-għalqa dakinhar tal-inċident. Huwa fil-fatt rrapporta lill-Pulizija li dakinhar tas-17 t'Awwissu 2019, kienu Raymond u Malcolm Aquilina li ħadu l-ilma u li fl-għalqa ma kienx għad hemm ilma għall-użu tiegħu, u mhux bil-kontra. Ukoll, jerġa jiġi nnutat li l-aħwa Aquilina, li kienu fuq il-post fid-data indikata fl-imputazzjoni, qatt ma ssenjalaw li l-appellant kien seraq xi ilma mill-għalqa. Dawn l-aħħar żewġ xhieda jixhdu illi dakinhar tas-17 t'Awwissu 2019, huma kienu marru l-għalqa in kwistjoni fuq struzzjonijiet tas-sid Patrick Spiteri, fejn hemmhekk kien avviċinahom l-appellant u qalilhom sabiex ma jkomplux iwettqu x-xogħol li kienu qed jagħmlu għax l-għalqa kienet tiegħu. Xehdu ukoll li l-appellant qalilhom jitfu kollox, iżda jidher illi huma ma tawx kasu u baqgħu fuq il-post tant illi ftit wara wasslu l-Pulizija wara li sar ir-rapport mill-appellant.

Illi, għalhekk, dina l-Qorti tinsab f'diffikulta' tistabbilixxi mill-evidenza li hemm fl-atti, li hija piuttost voluminuża, f'hix kien jikkonsisti l-att materjal kostituttiv tar-reat li dwaru l-appellant ġie mixli u dan b'referenza għad-data speċifika li hija indikata fiċ-ċitazzjoni. Jirrizulta ċar u tond mill-atti proċesswali illi hekk kif l-appellant lemaħ lill-aħwa Aquilina fl-għalqa, huwa avviċinahom sabiex jitilqu u wara immedjatament ċempel lill-Pulizija għall-assistenza tagħhom, tant illi, kif ingħad dawn in-nies kienu għadhom fuq il-post meta wasslu l-pulizija. Ma jindikaw, f'ebda parti mix-xiehda tagħhom, illi l-appellant b'xi att pozittiv ikkometta xi spoll fuq il-proprjeta' tant illi huma ġew kostretti milli jieqfu mix-xogħol tagħhom. Ukoll, hekk kif ikkonfermaw huma stess, il-Pulizija rrikorrew fuq il-post ftit tal-ħin wara li avviċinahom l-appellant

u dan fuq rapport tal-appellant stess. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ma kiser ebda dispożizzjoni tal-liġi penali, anzi mexa skont il-liġi meta irrikorra lejn l-awtorita' kompetenti biex igħinuh jissalvagwardja id-drittijiet li dehrlu li għandu. Issa jekk dak id-dritt pretiż u reklamat mill-appellant huwiex wieħed validu u skont il-liġi mhijiex kwistjoni li għandha is-setgħa u l-kompetenza tidħol fiha din il-Qorti fil-kompetenza penali tagħha. Dak li huwa żgur hu li is-sempliċi kliem skambjati bejn l-appellant u Aquilina ma jistgħu qatt jikkostitwixxu l-att materjal meħtieġ sabiex jissussisti r-reat ta' *raġġion fattasi,* iżda jrid jeżisti att spoljattiv u arbitrarju li permezz tiegħu l-awtur tar-reat jużurpa għalih innifsu drittijiet li jidhirlu illi għandu minflok jadixxi lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jagħmel dan u *marte proprio* ibiddel allura l-*istatus quo ante*. Illi anke minn qari tad-definizzjoni klassika tal-ġurista Carrara jirriżultaw il-karatteristiċi ta' dan l-att spoljattiv:

> ***1.o <u>Un atto esterno</u> che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o <u>Coscienza di fare di privato braccio</u> quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.***

Dan ifisser allura li l-azzjoni turbattiva kommessa mis-suġġett attiv trid tiddisturba dan l-*istatus quo* ta' pussess. Dan għaliex kif igħallem il-Carrara:

> ***L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.***

F'dan il-każ huwa evidenti li dan ix-xenarju ma jeżistiex. Illi allura maghmula din l-esposizzjoni tal-fatti u tad-dritt in materja din il-Qorti diffiċilment tista' tasal biex tikkondividi l-fehma ta'l-Ewwel Qorti.

Illi stabbilit kwindi li fl-assenza tal-att materjal ir-reat ma jistax jissussisti, il-Qorti ma tarax illi hemm għalfejn tinoltra ruħha fl-aggravji rimanenti. Fuq kollox, jerġa jiġi ribadit, il-kwistjoni dwar jekk l-appellant igawdiex titolu ta' qbiela o meno fuq l-għalqa in kwistjoni ma taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti ta' indoli penali billi ma ghandhiex setgha tistħarreġ kwistjonijiet ta' natura civili

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost tgħaddi sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant Joseph Camilleri mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.**

**Id-drittijiet civili spettanti lil partijiet jibqghu mhux mittiefsa b'din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**